



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2010/2053(INI)

12.7.2010

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE)
(2010/2053(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jean-Luc Bennahmias

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat dwar l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu s-suġġerimenti li ġejjin:

- A. Billi s-suq intern għas-servizzi għandu jiġu żviluppat bis-sħiħ filwaqt li jinżamm il-mudell soċjali Ewropew,
1. Jittama li d-direttiva dwar is-servizzi jkollha impatt pożittiv bil-ħolqien ta' impjiegi u bit-titjib fil-kwalità u fis-sikurezza tas-servizzi pprovduti;
 2. Ifakkar li d-Direttiva dwar is-Servizzi għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-trattat, u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar Unjoni Ewropea, il-klawżola soċjali orizzontali tal-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (FUE), l-Artikolu 14 tat-Trattat FUE, tal-Protokoll Nru 26 anness mat-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
 3. Ifakkar li d-direttiva eskcludiet għadd ta' oqsma mill-ambitu ta' applikazzjoni tagħha, inklużi s-servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-biċċa l-kbira tas-servizzi soċjali; iżid li d-direttiva ma tapplikax għal-liġi tax-xogħol u ma taffettwax il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri;
 4. Jemmen li għad fadal problemi rigward il-kjarifika tal-limiti tal-ambitu tal-amplifikazzjoni tad-direttiva; iqis li direttiva li tiddefinixxi b'mod ċar il-kunċetti ta' "servizzi kummerċjali", "servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali" u "servizzi soċjali ta' interess ġenerali" issa hija aktar meħtieġa minn qatt qabel sabiex jiġu ddefiniti b'mod preċiż l-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi u l-liġi applikabbli għal servizzi li m'humiex koperti b'din id-Direttiva, partikularment fir-rigward tas-sistemi ta' awtorizzazzjoni;
 5. Jemmen li l-punti ta' kuntatt uniku għandhom jintużaw bħala ċentri ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mad-Direttiva, b'mod partikulari l-liġi tax-xogħol applikabbli u d-drittijiet tal-impjegati fis-seħħ skont id-Direttiva;
 6. Jistieden lill-Kumitat tax-Xogħol imsemmi fl-Artikolu 150 tat-Trattat FUE biex joħroġ rapport regolari dwar l-effetti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fuq l-impjiegi, kemm mill-perspettiva kwantitattiva u kemm mill-perspettiva kwalitattiva.